**KULLEĠĠ SAN INJAZJU**
**Skola Sekondarja tal-Ħandaq, ĦAL QORMI**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2014/2015**

**Rotta 3**

| It-Tielet Sena | IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba) | Sagħtejn u kwart *Jinkludi s-Smigħ* |
|---|---|---|

L-Isem:________________________ Il-Klassi:____________

**Għall-istudent/a:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **L-ortografija, il-punteġġjatura, is-sintassi, l-ideat u l-preżentazzjoni tajbin jgħinuk tikseb riżultati aħjar.**

**Għall-għalliema:**

| IL-MARKI | | |
|---|---|---|
| It-Taħdit | 10 | |
| Is-Smigħ | 10 | |
| Il-Qari u l-Kitba | 80 | |
| IT-TOTAL | 100 | |



**Kummenti:**

______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________

| L-EWWEL TAQSIMA : FEHIM MILL-QARI | 15-il marka |
|---|---|

## L-ALKEMISTA




Paolo Coelho huwa awtur li ***kiteb mal-għoxrin ktieb*** u lkoll ġew tradotti f'diversi lingwi. Iżda sal-lum l-akbar biċċa xogħol tiegħu tibqa' *O Alquimista*, li bil-Malti tfisser 'L-Alkemista'. Alkemista huwa bniedem li jipprova jifhem il-misteri tal-univers permezz tax-xjenza. Dan ir-rumanz huwa ambjentat fi Spanja u nkiteb fl-1988. (par. 1)

Dan huwa ktieb qasir b'rakkont sempliċi, li taqrah f'ġurnata jew jumejn. Madankollu, bosta nies, fosthom ċelebritajiet kbar, jgħidu li dan il-ktieb biddlilhom ħajjithom jew li wriehom it-triq li għandhom isegwu fil-ħajja. (par. 2)

Ir-rakkont hu dwar Santiago, tfajjel minn Andalusija, li kien iben familja fqira. Il-familja tiegħu xtaqitu jsir qassis, għax dak iż-żmien dik kienet ikkunsidrata bħala kariga prestiġjuża, iżda Santiago kellu xewqat oħra. Huwa xtaq jivvjaġġa u jara d-dinja. Missieru spjegalu kif min-nies li kien jaf, ir-rgħajja biss kienu jivvjaġġaw minn post għall-ieħor. Għalhekk Santiago qatagħha li jmur kontra x-xewqa tal-ġenituri tiegħu u jsir ragħaj. (par. 3)

Missieru ma tkellem xejn, telaq u reġa' ġie b'xi muniti antiki, li wara mewtu kien fi ħsiebu jħallihom bħala wirt lil ibnu. Qallu biex dawn jużahom issa u bihom jixtri n-nagħaġ. U f'għajnejn missieru dak il-ħin Santiago ra li f'żgħożitu missieru wkoll kellu x-xewqa li jivvjaġġa, imma d-dover u l-familja żammewh milli jwettaq ħolmtu. (par. 4)

Lejl minnhom Santiago u n-nagħaġ tiegħu kienu reqdin madwar siġra, biswit knisja abbandunata, meta reġa' ħolom ħolma li kien qed joħlom ta' spiss. Fil-ħolma huwa jsib teżor kbir, imma dan ma jsibux fi Spanja. Biex isib it-teżor kien jeħtieġlu jivvjaġġa sal-Piramidi Eġizzjani. (par. 5)

Dakinhar stess ir-ragħaj jiltaqa' ma' xiħ misterjuż, li jintroduċi ruħu bħala Melchizedek, ir-re ta' Salem u dan ix-xiħ għallem lil Santiago li ***<u>l-qasba ma ċċaqċaqx għalxejn</u>***. Fehmu kif xi drabi l-ħolm jista' jurik dak li tkun trid minnek il-ħajja. Qallu sabiex jagħti kas x'qed tgħidlu qalbu u jsegwi l-ħolma tiegħu. (par. 6)

Santiago jbigħ in-nagħaġ u jerħilha għall-Afrika ta' Fuq, fejn ftit ħin wara li jirfes din l-art jitlef il-flus kollha li kien ġab mill-bejgħ tan-nagħaġ! Minn hawn tibda avventura li **<u>tħallik</u>** bla nifs u li twassal lil Santiago sal-Piramidi. Imma tgħid isibu t-teżor? (par. 7)

Coelho twieled il-Brażil u jikteb bil-Portugiż, iżda *L-Alkemista* llum insibuh saħansitra bil-Malti, tradott minn Steve Borg. B'kollox inbiegħu aktar minn 65 miljun kopja ta' dan il-ktieb ċkejken li ġie tradott f'aktar minn 71 ilsien differenti, biex b'hekk kiseb ir-rekord tal-aktar ktieb li ġie tradott fid-dinja. (par. 8)

## A. Mistoqsijiet 10 marki

1. Agħti t-titlu tal-aktar ktieb famuż ta' Paolo Coelho. (par. 1)

_______________________________________________(marka)

2. Għaliex huwa magħruf daqshekk dan il-ktieb? (par. 2)

_______________________________________________ (marka)

3. Min kien Santiago u x'riedu minnu l-ġenituri tiegħu? (par. 3)

_______________________________________________(2 marki)

4. X'kienet l-akbar xewqa ta' Santiago? (par. 3)

_______________________________________________(marka)

5. Kif induna li missieru f'żgħożitu kellu l-istess xewqa? (par. 4)

_______________________________________________(2 marki)

6. X'kienet il-ħolma li ta' spiss kien qed joħlom ? (par. 5)

_______________________________________________(marka)

7. X'għallmu Melchizedek dwar il-ħolm? (par.6)

_______________________________________________(marka)

8. Għalfejn xi kotba jiġu tradotti? (par. 8)

_______________________________________________(marka)

## B. Għarfien il-Lingwa 5 marki

1. Fisser: *kiteb mal-għoxrin ktieb*. (par. 1) (marka)

_______________________________________________

2. X'taħseb li tfisser il-kelma *Alkemista?* (marka)

_______________________________________________

3. Xi jfisser il-qawl: *il-qasba ma ċċaqċaqx għalxejn* (par. 6)? (marka)

_______________________________________________

_______________________________________________

4. Sib kelma minn paragrafu 5 li tfisser *maġenb*: ________________________ (marka)

5. *Minn hawn tibda avventura li tħalli**k** bla nifs...* (par. 7) (marka)

**Għal min qed tirreferi l-*k* fi *tħallik*?** ____________________________________

## IT-TIENI TAQSIMA: IL-GRAMMATIKA 10 marki

Kien l-ewwel Ħadd tiegħi fil-Kenja. Lis-sorijiet għedtilhom biex *noħorġu* żewġ passi madwar id-dar tagħna flimkien. Konna *mixjin* għal għonq it-triq. *Għamilna* hekk għax jumejn qabel kien ġie tifel ta' xi 12–il sena ħdejn il-Kunvent tagħna jibki kemm jiflaħ u qalbu sewda għax ommu tatu karta ta' 20 xelin biex jixtri xi ħaġa 'l missieru u sakemm wasal il-ħanut jew tilifha jew serquhielu mill-but. Meta mar id-dar ommu qaltlu biex imur ifittixha u jekk ma jsibhiex ma jersaqx lura lejn id-dar. Meta wasal ħdejna kien diġà *fittixha* u ma *sabhiex*. B'qalbu *maqsuma* qalilna: "Agħtuhieli intom u nhar is-Sibt tistgħu tħaddmuni l-għalqa." Addattament minn *Jiemi l-Kenja* (Vol.1) ta' Emma Camilleri

1. Agħti l-Għerq ta' **għamilna**: ________________

2. Ikteb in-**numru** li hawn f'din il-frażi **fi kliem**: *karta ta' 20 xelin*: ________________

3. Ta' liema forma tal-verb hu l-verb **noħorġu**: ______________

4. Ta' liema forma hu l-verb **fittixha**: ________________

5. Mis-silta sib verb **ieħo**r tat-**Tieni Forma**: ______________

6. Agħmel il-verb **wasal** fil-Ħames Forma: _______________

7. Il-kelma **maqsuma** hi fil-Parteċipju (Attiv, Passiv).

8. Il-kelma **mixjin** hi fil-Parteċipju (Attiv, Passiv).



9. Oħroġ kelma fil-Parteċipju Attiv Femminil mill-kelma **noħorġu**: __________________

10. Oħroġ kelma fil-Parteċipju Passiv Maskil mill-kelma **sabhiex**: __________________

## IT-TIELET TAQSIMA: ĦILIET TAL-MALTI KOMMUNIKATTIV **5 marki**

Agħżel waħda minn (a) jew (b) u ikteb **70 kelma**

a) Għadek kemm ftaħt restorant ġdid għall-familja kollha ġewwa r-raħal tiegħek. Ikteb **REKLAM** biex tħeġġeġ lin-nies jiġu jieklu f'dan ir-restorant.



**JEW**

b) L-iskola ser torganizza ħarġa sa Marsaxlokk għall-istudenti. Ikteb **AVVIŻ** għal din il-ħarġa.

## IR-RABA' TAQSIMA: IL-POEŻIJA 20 marka

## A. REFERENZA GĦALL-KUNTEST 10 marki

Aqra sewwa dawn l-istrofi mill-poeżija u rrispondi l-mistoqsijiet.

**"Ġera ħsiebi lejn hena tfuliti,**
**Iż-żmien ħelu tal-ħajja bla ħsieb,**
**Meta kollox hu safi mill-ħtija,**
**Meta kollox ma' qalbna jinġieb.**

**...**

**Omm! ... xi ħlewwa, xi tjieba ta' isem!**
**Omm, il-kelma tal-faraġ fil-hemm,**
**Omm, il-kelma tal-ħniena fil-ħtija,**
**Omm, il-kelma li trażżan id-demm.**

**...**

**F'dik il-għafsa ta' qalb raġa' lura**
**Il-ħsieb tiegħi, u l-ħolma spiċċat ...**
**F'xatt il-baħar, taħt qamar tal-fidda,**
**Sibtni waħdi fuq xifer il-blat."**



1. X'inhu l-isem tal-poeżija u min kitibha? (2 marki)

_______________________________________________

2. Fuqiex tittratta din il-poeżija? (3 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Agħti eżempju ta' anafora. Ikkummenta dwar l-effett tagħha tul il-poeżija. (2 marki)

_______________________________________________

4. X'tip ta' vers iħaddem il-poeta f'din il-poeżija? (marka)

_______________________________________________

5. Kieku kellek tqabbel din il-poeżija ma' poeżija oħra li studjajt, ma' xiex tqabbilha? Għid għaliex. (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

## B. MISTOQSIJIET OĦRA. 10 marki

**1a.** Għaliex il-pitirross jiġi kull Ġimgħa l-Kbira, fil-poeżija **Pitirross** ta' Victor Fenech? (marka)

______________________________________________________________

**b.** Fit-tieni strofa l-pitirross qed josserva. Xi jrid jgħid biha meta jgħid li "il-miġemgħa-merħla għadhom itellgħu x-xorti fuq mantell ta' kulur skur?" (marka)

______________________________________________________________

**ċ.** "Bħal nieqa ta' serħan" hija: (personifikazzjoni, metafora, similitudni). (marka)

**2a.** F'**Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti** toħroġ kontradizzjoni. Spjega x'inhi. (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**b.** Għaliex għall-bejjiegħ tal-gazzetti min ma jixtrix m'għandux importanza? (marka)

______________________________________________________________

**ċ.** Xi tfisser ommu għall-bejjiegħ tal-gazzetti? Agħti spjegazzjoni. (marka)

______________________________________________________________

**3a.** F'**Waħdi**, Rużar Briffa fiex isib il-faraġ? (marka)

______________________________________________________________

**b.** Kif jiftakar iż-żgħorija tiegħu l-poeta? (marka)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**ċ.** Liema huma ż-żewġ titli li bihom isejjaħ lilu nnifsu l-poeta f'din il-poeżija?

______________________________________________________________(marka)

## IL-ĦAMES TAQSIMA: *Stejjer għal Qabel Jidlam* – Oliver Friġġieri 10 marki

**A. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar in-novella: *L-EWWEL TELEFONATA* 5 marki**

1. X'jisimhom iż-żewġ anzjani protagonisti ta' din l-istorja? (marka)

____________________________________________

2. X'tista' tgħid dwar il-karattru tar-raġel f'dan ir-rakkont? (marka)

____________________________________________

____________________________________________

3. Semmi żewġ proposti li l-anzjana għamlet lil żewġha. (marka)

   (i) ____________________________________________

   (ii) ____________________________________________

4. Spjega kif il-mara anzjana rnexxielha tikkonvinċi lil żewġha biex idaħħlu t-telefown. (marka)

____________________________________________

____________________________________________

5. Għaliex il-koppja anzjana ddeċidiet li tneħħi t-telefown? (marka)

____________________________________________

____________________________________________

**B. Agħżel NOVELLA WAĦDA u ikteb paragrafu dwar mistoqsija *WAĦDA BISS*. 5 marki**

### A. It-Tifel tal-Baħar

**AGĦŻEL WAĦDA:**

i. Fl-istorja 'It-tifel tal-baħar' joħorġu biċ-ċar żewġ aspetti; il-faqar u l-għaqda fil-familja. F'madwar 70 kelma, ikkummenta fuq dan b'referenza għas-silta.

**JEW**

ii. F'madwar 70 kelma, irrakkonta kif it-tifel kien jipprova jgħin lil familtu, minkejja d-diffikultajiet li kien jaffaċċja.

## B. Meta Dħalt fl-Isqaq

**AGĦŻEL WAĦDA:**

i. Fl-istorja 'Meta dħalt fl-isqaq' jingħaqdu żewġ aspetti; il-faqar u l-imħabba. F'madwar 70 kelma, ikkummenta fuq dan b'referenza għas-silta.

**JEW**

ii. F'madwar 70 kelma, irrakkonta l-esperjenza tan-narratur fuq ix-xarabank.

## Ċ. Ir-Raġel tal-Klieb

**AGĦŻEL WAĦDA:**

i. F'madwar 70 kelma ikteb dwar kif toħroġ it-tema tal-imħabba lejn l-annimali fin-novella 'Ir-raġel tal-klieb'.

**JEW**

ii. F'madwar 70 kelma rrakkonta x'ġara meta l-ġirien tar-raġel tal-klieb għamlu rapport lill-Pulizija.




**Ikteb x'għażilt:** ☐ **i** jew **ii**

## IS-SITT TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT 20 marka

Agħżel wieħed u ikteb madwar 250 kelma dwaru fuq karta separata.

1. 'Mhux kulma jleqq hu deheb'. Irrakkonta storja li tirrifletti t-tifsira ta' dan il-qawl.
2. Ikteb rakkont li **jispiċċa** b'dawn il-kelmiet: "... u fl-aħħar sibt dak li dejjem xtaqt."
3. Il-Moda.
4. L-Internet - il-vantaġġi u l-iżvantaġġ tal-użu tiegħu.

**In-numru tal-komponiment li għażilt: ________**

Spazju biex tagħmel il-pjan tal-kitba tiegħek. (Ma jingħatawx marki għall-pjan.)